# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 578/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

**Joseph Zahra**

iben Joseph, imwieled Birzebbugia, fis-6 ta’ April, 1953, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 293553(M)

Illum, 7 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghal habta tas-19.30 gewwa Hal-Far attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC 1015 J. Borg filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

3) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ ghajjat u glied;

4) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghal habta tal-23.30hrs gewwa Hal-Far insulenta u hedded lil PC 441 M. Darmanin u PC 1042 A. Caruana;

5) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijeit legittimi moghtija lilu mill- Pulizija;

6) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghal habta tal-23.30hrs gewwa Hal-Far saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni CRX 028, tal-ghamla Honda minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan;

7) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghall- habta tal- 23.30hrs gewwa Hal-Far saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni CRX 028, tal-ghamla Honda kontra s-sinjal tat-traffiku;

8) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghal habta tal-23.30hrs gewaw Hal-Far saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni CRX 028, tal-ghamla Honda b’ manjiera traskurata u perikoluza;

9) Talli nhar it- 22 ta’ Lulju, 2011 ghal habta tal-23.30hrs gewwa Hal-Far saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni CRX 028, tal-ghamla Honda minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan;

10) Talli matul ix-xahar ta’ Lulju, 2011 b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiskru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, hedded lil Fartun Ahmed Ibrahim bil- mewt;

11) Talli fis-27 ta' Lulju, 2011 ghal habta tal-17.30hrs gewwa l- lock up tal-Floriana nsulenta u hedded lill-PS 853 F. Sciberras;

12) Talli nhar is-27 ta' Lulju, 2011 gewwa l-Floriana, volontarjament kiser il-bon ordni jew il- kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

13) Talli matul dawn l-ahhar gimghat f' dawn il- Gzejjer naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha moghti mill-Magistrat Dr S. Meli LL.D. nhar is-16 ta' Novembru, 2009 kif ukoll digriet mahrug mill-Imhallef Onor. David Scicluna LL.D. nhar il-25 ta' Novembru, 2009 li bih Joseph Zahra nghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

14) Talli permezz tal-imsemmi digriet kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'ordni tal-Qorti u cioe' naqas li jiffirma gewwa l-ghassa taz-Zejtun;

15) Talli matul dawn l-ahhar gimghat zamm u garr arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal- Pulizija;

16) Talli sar recidiv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96(a), 338(ee), 338(dd), 339(1)(e), 579, 18, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 54 u 55, u it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-artikoli 6 u 51 (7) tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disa' (9) imputazzjoni, peress li hija ripetizzjoni tas-sitt (6) imputazzjoni.
Il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u ghaldaqstant ikkundannatu sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Zahra tal-11 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetturi Arthur Mercieca u Carlos Cordina) vs Joseph Zahra fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disa' akkuza stante li repetuta; izda tilliberah in kwantu din sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra kollha.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li fil-jum tad-29 ta' Novembru, 2012, meta nghatat is-sentenza, l-istess ma kinitx motivata. Dak inhar id-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, saret it-trattazzjoni, u is-sentenza nghatat oralment dak il-hin stess. Il-ligi trid li d-decizjoni tkun motivata, izda l-motivazzjoni li hemm fis-sentenza miktuba nghatat lill-esponenti mal-kopja tas-sentenza fl-10 ta' Dicembru 2012, u ghalhekk dan il-vot tal-ligi kien mankanti.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghall-istess cirkostanza: meta nghatat is-sentenza fid-29 ta' Novembru, 2012 ma gewx citati l-artikoli tal-ligi li dik il-Qorti ghamlet referenza ghalihom sabiex setghet issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

3. Illi t-tielet aggravju huwa fuq il-mertu b'mod in generali, u b'mod partikolari ssir referenza ghall-akkuza numru ghaxra (10) fejn huwa nstab hati li hedded persuna bil-mewt, liema persuna ma tifhimx bil-Malti, u l-esponent jitkellem bil-Malti biss. L-esponent ma jistax jinstab hati ta' theddida partikolari jekk huwa ma setax jikkomunika din it-theddida b'mod univoku.

4. Illi r-raba aggravju, bla pregudizzju ghat-tielet aggravju, jirreferi ghall-akkuza numru tlettax (13) li kienet vaga fis-sens li ma jistax persuna tigi akkuzata li kisret wahda mill-kondizzjonijiet tal-Bail minghajr ma tkun taf liema kundizzjoni qed issir referenza ghaliha.

5. Illi l-hames aggravju, bla pregudizzju ghat-tielet aggravju, jirreferi ghall-akkuza numru erbatax (14) in kwantu ngiebu provi sufficjenti, anke a sodisfazzjon tal-prosekuzzjoni stess, li l-esponent fiz-zmien in kwistjoni ma setax imur jiffirma minhabba ragunijiet medici. L-ewwel

Qorti indikat li l-esponent ma nkwieta xejn jaqbad u jmur l-ghassa bil-karozza meta m'ghandux licenzja tas-sewqan: imma ma nistghux nghidu li l-esponent jehtieg jikser il-ligi (u jsuq bla licenzja) sabiex imur jiffirma l-ghassa u b'hekk ma jkunx qed jikser il-kondizzjonijiet tal-bail! L-esponent ghandu jinstab gusitfikat li ma marx jiffirma fil-jiem in kwstjoni minhabba l-impediment mediku.

6. IIli s-sitt aggravju, bla pregudizzju ghat-tielet aggravju, jirreferi ghall-hmistax-il akkuza (15) in rigward tal-garr tal-arma. Din l-akkuza ma gietx pruvata hlief bl-allegazzjoni tal-persuna barranija li qalet li lill-imputat ratlu sikkina. Il-ligi taghna trid li f'dan it-tip ta' kaz tkun trid tingieb l-ahjar prova, u f'dan il-kaz l-ahjar prova kellha tkun is-sikkina li allegatament ingarret mill-esponent. Fin-nuqqas ta' dan l-esponent kellu jigi liberat minn din l-akkuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel zewg aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-fatt li l-fatt tal-vot u specifikament l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma giex rispettat fl-ghoti tas-sentenza. Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti wara li semghet il-partijiet li trattaw il-kawza ghaddiet bie ippronunzjat is-sentenza. Dan jirrizulta car milli qari tal-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2012. Hu car li l-ewwel Qorti ippronuncjat is-sentenza b'mod orali u dan hu ammissibbli basta li l-elementi kollha tal-artikolu hawn fuq imsemmi huma rispettati. Fl-atti tal-kawza jirrizulta li s-sentenza miktuba hi misjuba a fil-268 et seq. tal-process. Min qari ta' din is-sentenza jirrizulta car li l-elementi kollha rikjesti mill-ligi gew rispettati. L-ewwel ilment hu li kopja tas-sentenza nghata biss fl-10 ta' Dicembru, 2012. L-appell in kwistjoni gie pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2012. Dan ifisser li l-appellant kellhu z-zmien necessarju biex ifassal fid-dettal l-appell tieghu. Il-fatt li ma gewx citati l-artikoli tal-ligi mhux korrett ghaliex jinsabu elenkati fi-

sentenza.  Min-naha l-ohra ma ngibet ebda prova tal-fatt li meta s-sentenza giet pronunzjata ma saritx referenza ghall-artikoli tal-ligi in kwistjoni.  Ghalhekk, l-ewwel zewg aggravji tal-appellant huma michuda.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda li ma saritx prova univoka tat-theddid li sar mill-appellant.  Fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhud kienet cara, anki jekk ghandha problemi ta' lingwa izda l-gestwalita' tal-appellant kinet sufficienti biex hi tifhem x'kien qed ighid l-appellant.  Ghandu jinghad li anki jekk l-appellant ma jaf jitkellem sew l-ingliz ma ngabet ebda prova da parti tieghu li hu mhux kapaci jghid tlett kelmiet bazici.  Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Illi dwar il-ksur tal-bail l-appellant kien jaf perfettament li l-kondizzjoni partikolari tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ghotja kienet dik tan-nuqqas li jmur jiffirma l-ghassa tal-pulizija.  Hu ggustifikat dan il-fatt billi gab il-prova li hu ma setghax imur l-ghassa minhabba ragunijiet medici.  Din il-Qorti tifhem li dan hu mpediment validu izda hu nuqqas min-naha tal-appellant li javza lill-pulizija li hu ma setghax imur minhabba dawn ir-ragunijiet.  Dan il-fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Illi dwar il-hames aggravju tal-appellant qed issir referenza ghall-paragrafu precedenti.

Illi dwar is-sitt aggravju li ma ngabitx l-ahjar prova u cioe' li giet ezebita l-arma in kwistjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 638(2) u hi taqbel perfettament ma l-ewwel Qorti li hi emmnet ix-xhud in kwistjoni.  Ghalhekk, dan l-aggravju hu michud.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Joseph Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.  Dwar il-piena, tirrevoka u thassar il-piena erogata ta' sentejn prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant Joseph Zahra ghal piena ta' sena u disa' xhur prigunerija.  Iz-zmien li hu nzamm taht arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn tali piena.